**A.L. 104 ta' l-2009**

## ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-INCOME (KAP. 123)

## Regoli ta' l-2009 li jemendaw ir-Regoli dwar Kreditu ta' Taxxa li jingħata lil Nisa li Jirritornaw għal Impjieg

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, għamel dawn ir-regoli li ġejjin: -

Titolu.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2009 li jemendaw ir-Regoli dwar Kreditu ta' Taxxa li jingħata lil Nisa li Jirritornaw għal Impjieg, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli ta' l-2005 dwar Kreditu ta' Taxxa li jingħata lil Nisa li Jirritornaw għal Impjieg, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali".

A.L. 110 ta' l-2005.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ mis-sena ta' stima 2009.

Sostituzzjoni tar-regola 2 tar-regoli prinċipali.

**2.** Minflok ir-regola 2 tar-regoli prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Applikabilità.

2. Dawn ir-regoli japplikaw f'xi wieħed minn dawn il-każi:

(a) meta mara li tkun għadha ma laħqitx l-età statutorja ta' l-irtirar u li tirritorna għal impjieg fi jew wara l-1 ta' Jannar, 2008 wara li tkun ilha nieqsa minn kull attività bi qligħ għal mill-anqas ħames snin minnufih qabel id-data ta' dak ir-ritorn għal impjieg u li ma kienet qatt irċeviet pensjoni minħabba fl-impjieg preċedenti qabel id-data ta' dak ir-ritorn għal impjieg u li, barra minn hekk, preċedentement kellha impjieg għal mill-anqas erbgħa u għoxrin xahar konsekuttiv; jew

(b) meta mara jkollha wild li jkun jew ulied li jkunu taħt is-sittax-il sena u tirritorna għal impjieg

fl-1 ta' Jannar, 2008 jew wara dik id-data, wara li tkun ilha nieqsa minn kull attività bi qligħ għal mill-anqas ħames snin minnufih qabel id-data ta' dak ir-ritorn għal impjieg; jew

(ċ) meta mara jkollha wild imwieled jew ulied imwielda fl-1 ta' Jannar, 2007 jew wara dik id-data, u tkompli fl-impjieg, jew tirritorna għal impjieg fl-1 ta' Jannar, 2007 jew wara dik id-data.".

Emenda tar-regola 3 tar-regoli prinċipali.

**3.** Regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tagħha:

(i) fil-paragrafu (a), minflok il-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regola 4, kull mara" għandhom jidħlu l-kliem "Kull mara", u minflok il-kliem "elf, sitt mija u wieħed u tletin euro (1,631)" għandhom jidħlu l-kliem "elfejn euro (2,000)", u minflok il-kliem "minn dak l-impjieg." għandhom jidħlu l-kliem "minn dak l-impjieg:";

(ii) minnufih wara l-paragrafu (a) kif emendat, għandu jiżdied il-proviso li-ġej:

"Iżda fil-każ ta' applikabilità taħt ir-regola 2(b) jew 2(ċ), mara tgawdi minn kreditu ta' taxxa kif hawn qabel imsemmi għal kull wild kif imsemmi fir-regola 2.";

(iii) fil-paragrafu (b), minflok il-kliem "kontra d-dħul tal-konjuġi tagħha." għandhom jidħlu l-kliem "kontra d-dħul tal-konjuġi tagħha:";

(iv) minnufih wara l-paragrafu (b), għandhom jiżdiedu dawn il-provisos li-ġejjin:

"Iżda fil-każ ta' mara li tikkwalifika taħt ir-regola 2(b) jew 2(ċ), il-kreditu ta' taxxa jista' jitgawda tul numru ta' snin konsekuttivi li ma jeċċedux in-numru ta' tfal u waħda, u li f'kull każ ma jaqbiżx l-€2,000 fis-sena:

Iżda wkoll meta mara tkun qiegħda tgawdi minn kreditu ta' taxxa kif imsemmi hawn qabel wara li tkun ikkwalifikat taħt ir-regola 2(a) jew 2(b) u ssir intitolata

għal kreditu ta' taxxa ieħor taħt ir-regola 2(ċ), il-kreditu ta' taxxa ġdid għandu jibda fl-aħħar sena li fiha l-kreditu ta' taxxa taħt ir-regola 2(a) jew 2(b) ikun jista' jitgawda iżda dan m'għandux jaqbeż l-€2,000 f'xi sena waħda:

Iżda wkoll fil-każ ta' mara li tikkwalifika taħt ir-regola 2(ċ) fis-sena 2007, il-kreditu ta' taxxa għandu jibda mis-sena ta' stima 2009."; u

(b) fis-subartikolu (2) tagħha:

(i) fil-paragrafu (a), minflok il-kliem "Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regola 4, mara" għandhom jidħlu l-kliem "Mara", u minflok il-kliem "elf, sitt mija u wieħed u tletin euro (1,631)" għandhom jidħlu l-kliem "elfejn euro (2,000)", u minflok il-kliem "tagħha mill-impjieg." għandhom jidħlu l-kliem "tagħha mill-impjieg:";

(ii) minnufih wara l-paragrafu (a) kif emendat, għandu jiżdied il-proviso li-ġej:

"Iżda fil-każ ta' applikabilità taħt ir-regola 2(b) jew 2(ċ), mara tgawdi minn kreditu ta' taxxa kif imsemmi għal kull wild kif imsemmi fir-regola 2.";

(iii) fil-paragrafu (b), minflok il-kliem "ir-ritorn għal impjieg." għandhom jidħlu l-kliem "ir-ritorn għal impjieg:";

(iv) minnufih wara l-paragrafu (b), għandhom jiżdiedu l-provisos li-ġejjin:

"Iżda fil-każ ta' mara li tikkwalifika taħt ir-regola 2(b) jew 2(ċ), il-kreditu ta' taxxa jista' jitgawda tul numru ta' snin konsekuttivi li ma jeċċedux in-numru ta' tfal u waħda, u li f'kull każ ma jaqbiżx l-€2,000 fis-sena:

Iżda wkoll li meta mara tkun qiegħda tgawdi minn kreditu ta' taxxa kif imsemmi hawn qabel wara li tkun ikkwalifikat taħt ir-regola 2(a) jew 2(b) u ssir intitolata għal kreditu ta' taxxa ieħor taħt ir-regola 2(ċ), il-kreditu ta' taxxa ġdid għandu jibda fl-aħħar sena li fiha l-kreditu ta' taxxa taħt ir-regola 2(a) jew 2(b) ikun jista' jitgawda iżda dan m'għandux jaqbeż l-€2,000 f'xi sena waħda:

Iżda wkoll li fil-każ ta' mara li tikkwalifika taħt ir-regola 2(ċ) fis-sena 2007, il-kreditu ta' taxxa għandu jibda mis-sena ta' stima 2009.".